

**KONFERENZA DWAR L-ADEŻJONI
GĦALL-UNJONI EWROPEA
– ALBANIJA –**

**Brussell, 10 ta' Lulju 2026
(OR. en)**

AD 47/26

LIMITE

CONF-ALB 9

DOKUMENT TA' ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
- Kapitolu 26: Edukazzjoni u kultura

NEGOZJATI DWAR L-ADEŻJONI

Albanija

POŻIZZJONI KOMUNITAL-UE

(Bi tveġiba għal informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-Albanija)

Ġabra 3: Kapitolu ta' Negozjar 26

Edukazzjoni u kultura

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Albanija dwar l-Adeżjoni (AD 5/22 CONF-ALB 2), u hija soġġetta għall-prinċipji ta' negozjar approvati fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa mill-Albanija jew l-UE dwar kapitolu speċifiku tan-negozjati bl-ebda mod ma hija ser tippreġudika l-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitolu oħrajn;
- ftehimiet li jintlaħqu matul in-negozjati dwar kapitolu speċifiċi, anki dawk parzjali, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala finali qabel ma jkun intlaħaq ftehim ġenerali għall-kapitolu kollha;
- kif ukoll għar-rekwiżiti stipulati fil-punti 2, 3, 5, 10, 14, 16, 23, 26, 31, 38, 39, 45, 46, 47 u 48 tal-Qafas ta' Negozjar.

L-UE tneġġegħ lill-Albanija biex tkompli bil-proċess ta' allinjament mal-acquis tal-UE u bl-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu, u b'mod ġenerali biex tiżviluppa diġà qabel l-adeżjoni, politiki u strumenti li jkunu kemm jista' jkun qrib dawk tal-UE.

L-UE tinnota li l-Albanija, fil-pożizzjonijiet tagħha AD 2/25 CONF-ALB 2 REV 1 u AD 42/26 CONF-ALB 4, taċċetta l-acquis tal-UE taħt il-Kapitolu 26, kif fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2026 u li ser tkun lesta timplimentah sad-data tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea.

L-UE tinnota l-progress tal-Albanija lejn allinjament mal-acquis tal-UE dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ. L-UE tiegħu nota tal-progress tal-Albanija u tistieden lill-pajjiż jagħmel aktar progress tanġibbli favur l-istabbiliment tal-istrutturi meħtieġa għall-ġestjoni tal-Erasmus+.

L-UE tistenna li l-Albanija tagħmel aktar sforzi biex talloka baġit għall-edukazzjoni li jikkorrispondi għall-ambizzjonijiet u l-miri tagħha. Għalhekk l-UE tappella lill-Albanija biex iżżid l-infiq pubbliku tagħha fuq l-edukazzjoni biex tnaqqas id-distakk mal-infiq medju tal-UE.

L-UE tinnota li l-Albanija għamlet aktar sforzi rigward l-użu ta' għodod ta' trasparenza tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, l-edukazzjoni bbażata fuq il-kompetenzi u l-ħiliet diġitali. L-UE tistieden lill-Albanija tikseb titjib li jista' jitkejjel fil-ħiliet bażiċi tal-istudenti f'konformità mal-miri Ewropej. L-UE tteġġeg lill-Albanija tiegħu aktar miżuri biex tiżgura edukazzjoni inklużiva, inkluż għal persuni li jappartjenu għal gruppi ta' minoranzi.

L-UE tiegħu nota wkoll tal-informazzjoni pprovduta mill-Albanija dwar id-drittijiet edukattivi li jirriżultaw mil-Liġi tagħha dwar il-Protezzjoni tal-Minoranzi Nazzjonali, u l-leġiżlazzjoni sekondarja relatata, u l-Istrateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni 2021-2026 u tilqa' tajjeb l-isforzi li saru biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tagħha¹. L-UE tteġġeg lill-Albanija tkompli tiegħu kont tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018². L-UE tfakkar li f'konformità mal-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim, il-livelli u t-tipi kollha tal-edukazzjoni għandhom isaħħu l-koeżjoni soċjali, sens Ewropew pożittiv u inklużiv ta' appartenenza li jikkomplementa l-identitajiet lokali, reġjonali u nazzjonali tagħhom u jrawwem attitudnijiet tolleranti u demokratiċi. L-UE tiegħu nota tal-impenn tal-Albanija li tkompli ttejjeb il-kwalità u d-disponibbiltà tal-kotba tal-iskola fil-lingwi minoritarji rikonoxxuti kollha.

L-UE tistenna li, fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, l-Albanija timplimenta bis-sħiħ l-impenji ewlenin ta' Bologna u tallinja ruħha aktar mal-Komunikat ta' Tirana f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar l-Edukazzjoni Għolja.

¹ Din il-kwistjoni hija eżaminata f'artikolazzjoni mal-Ġabra 1 Elementi Fundamentali fir-rigward tal-edukazzjoni fil-lingwi minoritarji.

² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim (2018/C 195/01)

L-UE tenfasizza li jeħtieġ li l-Albanija tkompli tagħmel progress fl-ilħuq tal-miri kif stabbiliti fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u jeħtieġ li tkompli tiżviluppa progressivament sistema ta' monitoraġġ li tippermetti t-traċċar affidabbli ta' dawn il-miri.

L-UE tieħu nota pożittiva wkoll tal-progress li sar biex tiġi implimentata bis-sħiħ il-Liġi dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (VET), bl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja rilevanti dwar l-istandards, il-kriterji, u l-proċeduri għall-akkreditazzjoni tal-fornituri tal-VET, biex jiġu appoġġati l-proċessi u l-mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità minn perspettiva ta' taħlim tul il-ħajja.

L-UE tieħu nota wkoll tal-kapaċitajiet imsaħħa tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Impjiegi u l-Ħiliet u tal-Aġenzija Nazzjonali għall-VET u l-Kwalifiki. Fl-istess ħin, l-UE tenfasizza l-ħtieġa li l-Albanija tiżgura riżorsi biżżejjed riżorsi għall-ottimizzazzjoni tas-sistema tal-VET f'konformità mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, inkluż it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u ż-żieda fl-għadd u fil-kwalità tal-għalliema tal-VET. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu promossi u żviluppati opportunitajiet ta' taħlim għall-adulti u li jsir sforz favur l-allinjament mal-mira ewlenija tal-UE li sal-2030 mill-inqas 60 % tal-adulti (ta' bejn il-25 u l-64 sena) jipparteċipaw f'taħriġ kull sena, kif ukoll li jiġi żgurat il-għbir tad-data dwar dan l-indikatur. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija ssaħħaħ l-iskemi ta' apprendistat u tkompli tippromwovi aktar involviment fl-apprendistati u t-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol fil-qafas tal-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati, billi tiżviluppa u tespandi s-sħubija minn organizzazzjonijiet nazzjonali u reġjonali permezz ta' wegħdiet. F'dan ir-rigward, l-UE tissottolinja l-importanza tal-involviment strutturat tal-impjegaturi fl-iżvilupp tal-VET fl-Albanija.

L-UE tinnota l-allinjament ulterjuri tal-Albanija mal-acquis tal-UE dwar iż-**żgħażaġh**. L-UE tistieden lill-Albanija tkompli tipprijoritizza l-ħidma fost iż-żgħażaġh u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh, u tkompli taderixxi mal-Aġenda Ewropea għall-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ bħala objettivi ċentrali. L-UE ħadet nota tal-isforzi tal-Albanija biex tappoġġa l-litteriżmu diġitali taż-żgħażaġh.

L-UE tilqa' t-tkomplija tal-progress tajjeb tal-Albanija fil-qasam tal-isport, u tistieden lill-Albanija tkompli bl-allinjament leġiżlattiv mal-acquis tal-UE dwar l-isport. L-UE tinnota l-progress tal-Albanija fl-allinjament mal-acquis tal-UE dwar il-kultura u tissottolinja l-importanza tal-protezzjoni tal-wirt kulturali.

L-UE tinnota li l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi deskritti hawn fuq tissodisfa r-rekwiżiti tal-parametru referenzjarju għall-għeluq stabbilit fid-dokument AD 6/25 CONF-ALB 6.

L-UE thegġegħ lill Albanija tieħu miżuri aktar b'saħħithom rigward il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-educazzjoni u l-kultura. L-UE tappella lill-Albanija biex tkompli tiżgura li jiġu implimentati salvagwardji għall-integrità fir-rigward tal-għażla ta' kapijiet tal-iskejjel u tal-ħatriet f'aġenziji edukattivi ewlenin abbażi tal-mertu u mingħajr influwenza politika.

* * *

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-UE tinnota li, f'dan l-istadju, dan il-kapitolu ma jeħtieġx aktar negozjati.

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE u fl-implimentazzjoni tiegħu ser ikompli matul in-negozjati. L-UE tissottolinja li ser tagħti attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmija hawn fuq bil-ħsieb li tiżgura l-kapaċità amministrattiva u l-allinjament legali sħiħ tal-Albanija, kif ukoll l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-acquis f'dan il-kapitolu. Jeħtieġ li jitqiesu b'mod partikolari r-rabtiet bejn dan il-kapitolu u kapitoli oħra ta' negozjar. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġiżlazzjoni tal-Albanija mal-acquis tal-UE u tal-kapaċità ta' implimentazzjoni tagħha tista' ssir biss fi stadju aktar tardiv tan-negozjati. Minbarra l-informazzjoni kollha li l-UE tista' teħtieġ għan-negozjati f'dan il-kapitolu, u li għandha tingħata lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Albanija tagħti regolarment informazzjoni dettaljata bil-miktub lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-acquis u fit-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, l-UE ser terġa' lura għal dan il-kapitolu f'mument xieraq, jekk ikun meħtieġ.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm acquis ġdid bejn l-1 ta' Mejju 2026 u l-konklużjoni tan-negozjati.

